MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1853/2003

**Primrose Poultry Products Limited**

**vs**

**Emanuel Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin (Lm1274.00) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' flieles mibjugha u kkonsenjati.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Mejju 2003 u tal-Mandat ta' Qbid tad-9 ta' Settembru 2003, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin (Lm1274.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Mejju 2003 u dawk tal-Mandat ta' Qbid tad-9 ta' Settembru 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------